# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-15 ta' Marzu 2021

**Rikors Numru : 233/2020 JPG**

**Kawza Numru : 13**

**BM**

**vs.**

**BL**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' BM datat 28 ta' Lulju 2020 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi, l-partijiet iżżewgu fid-**19 ta' Mejju 1989** kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bħala **dok 'A'**;*

2. *Illi, minn dan iż-żwieġ huma kellhom tifla waħda jisimha G li mietet f'X kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt, hawn anness u mmarkat bhala **dok 'B'**;*

3. *Illi, l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat fit-**18 ta' Dicembru 1996** in atti tan-Nutar Pubbliku Margaret Heywood kif jirriżulta mill-kopja tal-istess kuntratt hawn anness u mmarkat bħala **dok 'C'**;*

4. *Illi, l-partijiet ilhom separati minn dak iż-żmien u għaldaqstant għal ħafna aktar minn erba' (4) snin;*

5. *Illi, illum żgur illi ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni*

*bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba' (4) snin ma jgħixu flimkien, illum għandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

6. *Illi, l-partijiet irrinunżjaw reċiprokament għall-ħlas ta' manteniment mingħand xulxin u stante li ċ-ċirkustanzi tal-ħajja hekk ipprovdew, illum m'hemmx il-ħtieġa ta' manteniment għal minuri, u għalhekk ma' fadal ebda obbligu ta' ħlas ta' manteniment kif kien oriġinarjament kuntrattat;*

7. *Illi, dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet u l-kriterji kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skond l-Art. 66B tal-Kodiċi Ċivili, tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, umilment titlob ir-rikorrenti BM, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u kif ukoll wara li jinstemgħu il-provi jekk ikun il-każ, sabiex dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

a) *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-**Artikolu 66B et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;*

b) *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi annotat fiċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet u rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat debitament notifikat skond il-ligi, ma ppresenta ebda risposta, ghalhekk huwa kontumaci (vide fol 28, verbal datat 12 ta' Frar 2021);

Rat il-fakolta moghtija lill-intimat sabiex jippresenta n-nota ta' sottomissonijiet tieghu ai termini tal-Artikolu 158(10), Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (vide fol 28);

Rat illi l-intimat baqa' inadempjenti;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**BM** xedhet (vide affidavit a fol 18 et seqq.,) illi hija zzewwget lill-intimat nhar id-19 ta' Mejju 1989. Sostniet illi dak iz-zmien kienet tahdem bhala *reservations clerk* u zewgha kellu u ghad ghandu hanut gewwa Gwardamangia. Xehdet illi minn dan iz-zwieg kellhom tifla li twieldet b'kundizzjoni mhux maghrufa, li ghaddiet ghal-hajja ohra, nhar l-10 ta' Novembru 1997. Konsegwentement, bl-istess stress tal-hajja, iz-zwieg beda jitkisser bil-mod tant li ddecidew li jisseparaw. Filfatt il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta separazzjoni datat 18 ta' Dicembru 1996 in atti tan-Nutar Margaret Heywood. Iddikjarat illi ma hemm ebda pendenza ta' manteniment stante li inghata lilha dak kollu li kien dovut, waqt li rrinunzjat ghall-manteniment meta hi bdiet tithallas il-paga minima malli hadet il-kariga ta' infermiera u ghadha finanzjarjament indipendenti sallum. Finalment xehdet illi issa ilhom ghal dawn l-ahhar 24 sena mifrudin, it-tnejn li huma ghandhom relazzjoni ma terza persuni u ghalhekk qatt ma kien hemm u lanqas ma hemm ebda possibbilita ta' rikonciljazzjoni.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-19 ta' Mejju 1989, liema zwieg jgib certifikat numru 698/1989 (vide certifikat taz-zwieg Dok A, a fol 5). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum ghaddiet ghall-hajja ohra (vide certifikat Dok B, a fol 6).

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood, datat 18 ta' Dicembru 1996 (vide Dok. C fol 7 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal ferm aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg igib ic-certifikat numru 698/1989 u tordna lir-**

**Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**